GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI
U L-KWALITÀ TAL-ĦAJJA

# NIRRISPETTAW ID-DIVERSITÀ INĦARSU L-EKWITÀ

## L-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Awtiżmu ta' Malta għall-2021 - 2030

Pjan Nazzjonali ta' Sapport għall-Awtiżmu skont l-Artikolu 11
tal-Att dwar l-Empowerment tal-Persuni Fuq il-Firxa Wiesgħa ta' Awtiżmu

KUNSILL KONSULTATTIV DWAR L-AWTIŻMU

# NIRRISPETTAW

# ID-DIVERSITÀ

## INĦARSU L-EKWITÀ

L-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Awtiżmu ta' Malta
għall-2021 - 2030

# Tabella tal-Kontenut

Daħla mill-Ministru 4

Introduzzjoni 8

X'inhu L-Awtiżmu? 12

Identifikazzjoni Bikrija u Interventi għall-Awtiżmu 18

Edukazzjoni 26

Impjieg 33

Attiviżmu, Attiviżmu mill-Individwi Konċernati
(Self-Advocacy), u Sensibilizzazzjoni 38

L-Awtiżmu u l-Adulti 44

Il-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu 50

# Daħla mill-Ministru

Daħla mill-Onor. Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja



Għeżież persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, familjari, professjonisti u qarrejja. Jagħtini sodisfazzjon kbir illi nista' nippreżentalkom l-ewwel Strateġija Nazzjonali ta' Malta dwar l-Awtiżmu. Din mhijiex biss kwalunkwe Strateġija – ilha snin titfassal, u diġà saru kummenti favorevoli mmens dwarha fi bnadi differenti, kemm lokalment kif ukoll barra minn pajjiżna. Flimkien ma' dan, id-dokument ġie wkoll aġġornat, wara li ttieħed kont ta' kontributi meħudin minn 186 risposta miġbura waqt l-istadju ta' Konsultazzjoni Pubblika li saret dwaru, wara l-eżerċizzju inizzjali li sar mill-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu sabiex ġie ppreparat it-test.

Attivisti minn pajjiżi oħra, f'fora bħall-Parlament Ewropew, urew is-sodisfazzjon tagħhom li Malta għażlet li tindirizza l-awtiżmu b'mod olistiku. Huma kkummentaw li huwa sinifikanti li Malta ma tħarisx lejn l-awtiżmu sempliċiment mil-lat mediku, iżda minflok, bħala fenomenu fejn l-aspett soċjali huwa kruċjali, jekk verament irridu nagħmlu differenza, u nemanċipaw lill-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu u l-familji tagħhom.

Dan jagħmel ukoll lis-strateġija ta' Malta unika – mhux biss hija Strateġija għal tul il-ħajja kollha, iżda waħda li tfittex li teżamina kif is-soċjetà u l-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu jistgħu jiltaqgħu nofs triq, minflok sempliċiment tħares lejn l-isfidi li joħorġu minn dijanjosi tal-awtiżmu, u kif tindirizzahom.

L-adozzjoni ta' din l-Istrateġja ssegwi pass kuraġġuż ieħor illi Malta għamlet fl-2016 – meta għadda l-Att dwar l-Empowerment tal-Persuni fuq il-Firxa Wiesgħa ta' Awtiżmu.

Dan ta rikonoxximent fil-liġi Maltija lid-drittijiet tal-persuni bl-awtiżmu, filwaqt li waqqaf il-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu, u tah mandat sabiex jabbozza u jissorvelja l-implimentazzjoni ta' Strateġija Nazzjonali dwar l-Awtiżmu. Leġiżlazzjoni bħal din tagħmel ukoll lil Malta pijunier fis-settur.

Nixtieq nieħu din l-opportunità sabiex nirringrazzja lil dawk kollha li ħadmu u li qed ikomplu jaħdmu bla heda fis-settur tal-awtiżmu. Dawn il-persuni mhux biss jaħdmu biex jappoġġjaw persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu u l-familji tagħhom, sabiex dawn ikunu jistgħu jindirizzaw l-isfidi li jsibu ma' wiċċhom ta' kuljum. Huma jaħdmu biex ibiddlu l-ħajjiet tan-nies.

L-emanċipazzjoni mhijiex biss dwar l-indirizzar ta' problema perċepita, jew it-tnaqqis tat-tbatija tan-nies. Hija dwar l-għoti, kemm lill-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, kif ukoll lill-familji tagħhom, u lis-soċjetà b'mod ġenerali, l-għodod meħtieġa, sabiex ikunu jistgħu jagħmlu l-bidliet meħtieġa, u joħolqu soċjetà li twassal għall-inklużjoni, l-aċċettazzjoni u l-emanċipazzjoni ta' kulħadd.

Huwa għalhekk li, bħala Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja, niżżik ħajr għall-ħidma tiegħek sabiex tagħmel lil Malta post aħjar.

Fl-aħħar, iżda fuq kollox, insellem lil dawk il-persuni kollha fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu li ħassewhom differenti, imħollija barra u mingħajr ebda kontroll fuq il-preżent u l-futur tagħhom, f'diversi stadji f'ħajjithom. Malta rrikonoxxiet l-isfidi speċifiċi li qed taffaċċja l-komunità awtistika, u kif għamilna f'dawn l-aħħar snin, se nkomplu naħdmu, biex niżguraw li inti – kif jistħoqqlok – tħossok parti minn soċjetà inklussiva u li temanċipak.

**Julia Farrugia Portelli**
Ministru għall-Inklużjoni u
l-Kwalità tal-Ħajja

# Introduzzjoni

Kien vjaġġ twil, iżda Malta finalment għandha l-ewwel Strateġija Nazzjonali dwar l-Awtiżmu. Ilna niġbru l-kontribut minn mindu l-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu l-ewwel ingħata l-mandat tiegħu fil-Jum Dinji tal-Awtiżmu tal-2018.

L-għarfien espert mis-setturi tad-diżabilità, tal-edukazzjoni u tas-saħħa kien garantit permezz ta' rappreżentanti tal-Ministeri rilevanti tal-Gvern, u l-Fakultajiet korrispondenti tagħhom fl-Università ta' Malta. L-esperjenza prattika tal-Aġenzija Sapport u l-perspettiva regolatorja tal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità kienu preżenti wkoll, flimkien mal-esperjenzi tal-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu u l-familji tagħhom, li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili.

Madankollu, kien inutli li sempliċiment niddiskutu kwistjonijiet differenti madwar mejda, u ma noħorġux fid-dinja ta' barra, u nisimgħu lin-nies infushom u nħarsu lejn il-kwistjonijiet reali illi jeżistu. Wara kollox, jista' jkun pjuttost faċli li tikteb dokument ta' strateġija. Pajjiżi oħra għamlu dan, u hemm ħafna informazzjoni illi wieħed jista' jsib jekk jagħmel riċerka. Madankollu, ridna niżguraw li d-dokument finali kien realistiku, u li jista' jiġi mwettaq. Kellna nindirizzaw l-istatus quo f'Malta, nieħdu stampa ċara ta' fejn ninsabu, u nfasslu triq 'il quddiem lejn fejn irridu naslu.

Din hija r-raġuni għaliex, mill-2018 'l hawn, il-Kunsill organizza għadd ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni. Organizzajna laqgħat għall-fornituri tas-servizzi fis-settur tal-awtiżmu, involvejna ruħna mal-iskejjel u morna fuq il-kampus tal-Università, organizzajna laqgħa miftuħa ta' diskussjoni u sessjonijiet oħra għal persuni fil-firxa wiesgħa ta' awtiżmu. Aħna smajna wkoll mill-qrib it-tħassib tal-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu u l-familji tagħhom, permezz ta' għadd ta' laqgħat magħhom, biex nevalwaw is-sitwazzjoni u ninkludu l-esperjenzi u x-xewqat tagħhom. Tkellimna wkoll mal-professjonisti u ma' dawk li jaħdmu fis-settur.

Filwaqt li l-biċċa l-kbira ta' dan ix-xogħol sar f'Malta, żgurajna wkoll li naraw perspettiva aktar internazzjonali, billi ħadna sehem f'attivitajiet u diskussjonijiet barra minn pajjiżna, inkluż fil-livell tal-Unjoni Ewropea u tal-Ġnus Magħquda, biex nisimgħu fehmiet oħra, nippreżentaw l-esperjenza tagħna, u ninvolvu ruħna f'dibattitu ta' benefiċċju reċiproku.

Ir-riżultat huwa d-dokument li għandek f'idejk issa. Aħna ġbarna flimkien it-tħassib imressaq permezz ta' dan l-eżerċizzju estensiv ta' konsultazzjoni, f'7 kategoriji ewlenin, u ħdimna biex nipprovdu punti ta' azzjoni speċifiċi fir-rigward ta' kull waħda minnhom, wara li fassalna riassunt tat-tħassib ewlieni mqajjem għal kull kategorija. Dak illi intom, il-persuni li kkonsultajna, għedtu, huwa kollu miġbur f'dan id-dokument, flimkien ma' dak li aħna, bħala l-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu, irridu niksbu matul l-10 snin li ġejjin.

Se naħdmu permezz tal-Mekkaniżmu Nazzjonali ta' Koordinazzjoni fi ħdan id-Direttorat għall-Affarijiet tad-Diżabilità (DDI), stabbilit skont l-Artikolu 33(1) tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, biex niżguraw proċess ta' implimentazzjoni effettiv fir-rigward tal-kontenut ta' dan id-dokument. Dan il-proċess ser jiddetermina wkoll b'mod aktar speċifiku r-risponsabbiltà tal-partijiet interessati differenti fir-rigward ta' azzjonijiet partikolari tal-Istrateġija, kif ukoll perijodi ta' żmien differenti għall-implimentazzjoni tagħhom fiż-żmien li fih tkun fis-seħħ l-Istrateġija.

Il-Mekkaniżmu ta' Koordinazzjoni jippermetti koordinazzjoni bejn l-entitajiet u bejn il-Ministeri fis-settur tad-diżabilità, u jinsab fl-aħjar pożizzjoni biex ikun jista' jġib flimkien partijiet interessati differenti li jkunu involuti fl-implimentazzjoni tad-diversi aspetti estensivi ta' din l-Istrateġija.

Minħabba li l-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Awtiżmu ta' Malta hija Strateġija komprensiva, li tindirizza l-awtiżmu mill-benniena sal-qabar, dan jagħmilha wieħed mill-ftit dokumenti ta' dan it-tip internazzjonalment – għalkemm dan id-dokument jiffoka ħafna inqas fuq in-naħa medika tal-affarijiet, u ħafna aktar fuq l-aspetti soċjali u ta' emanċipazzjoni – ridna nużaw sistema li tkun adattata għall-iskop tagħha, filwaqt li nevitaw id-duplikazzjoni billi noħolqu aktar burokrazija.

Il-monitoraġġ u r-reviżjoni tal-ħidma tal-Mekkaniżmu ta' Koordinazzjoni, fir-rigward tal-Istrateġija, imbagħad jitwettqu mill-Kunsill innifsu, ai termini tal-mandat mogħti lilu mill-Artikolu 10(b) tal-Att dwar l-Empowerment tal-Persuni Fuq il-Firxa Wiesgħa ta' Awtiżmu.

Se tkun triq twila 'l quddiem – madankollu, vjaġġ ta' elf mil jibda b'pass wieħed. Għadni niftakar, lura fl-2015, f'nofs l-istudji tad-dottorat tiegħi, u bħala attivist, meta kont nisħaq għal leġiżlazzjoni speċifika dwar l-awtiżmu. Kien ta' sodisfazzjon għalija meta rajt lil din l-inizjattiva tieħu spinta, u li rnexxieli wkoll eventwalment nikkontribwixxi għall-Att li għadda fl-2016. Bħala persuna idealista, attivist li mmilitajt prinċiparjament minn wara skrin ta' kompjuter, ridt bidla, u miżuri drastiċi. Il-proċess li wassal għall-Att, u l-aħħar ftit snin ta' ħidma fuq din l-Istrateġija, għallmuni li r-realtà hija ħafna aktar kumplessa, u li l-affarijiet huma aktar diffiċli milli jidhru. Madankollu, jiena grat li kont parti minn proċess li huwa l-ħolma ta' kull attivist.

Filwaqt li sadanittant kelli doża tajba ta' realtà, għadni nemmen fil-kisba tal-għanijiet finali li kelli sa mill-bidu – dawk ta' aktar kuxjenza, u l-aċċettazzjoni totali, l-inklużjoni u l-emanċipazzjoni lill-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu f'Malta. L-affarijiet jistgħu jidhru iebsa – iżda mhumiex diffiċli, jekk kulħadd jiġbed ħabel wieħed. Għalhekk issa, filwaqt li l-Kunsill ser ikompli bil-ħidma tiegħu, aħna nappellaw sabiex tingħaqad magħna, sabiex flimkien inwettqu bidla ta' veru.

Nixtieq nirringrazzja lill-membri kollha tal-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu għax-xogħol iebes u l-paċenzja tagħhom, biex dan il-pass seta' jsir realtà, lil dawk il-persuni kollha li għamlu din l-inizjattiva possibbli, kemm fil-livell politiku, kif ukoll f'dak tekniku u, fuq kollox, lil dawk kollha li kkontribwew, qasmu l-għarfien espert tagħhom, u fetħu qalbhom, sabiex ġie żgurat li nkunu nistgħu naslu f'dan il-punt illum.

**Alistair de Gaetano**
Chairperson
Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu

# 01

# X'inhu l-Awtiżmu?

# INTOM GĦIDTU:

- "In-nies ma jifhmux x'inhu l-awtiżmu;
- Il-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu jinftiehmu ħażin u jiġu ttrattati b'mod inġust minħabba dan in-nuqqas ta' fehim;
- Jingħata wisq każ ta' dak li jaħsbu l-oħrajn meta membru tal-familja li jkun fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu jkollu tantrum;
- Il-familji ta' persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu spiss jitqiesu bħala li jaqilgħu l-inkwiet minħabba li n-negozji u d-dipartimenti tal-gvern jonqsu milli jifhmu l-ħtiġijiet tagħhom;
- Is-soċjetà Maltija għadha tipperpetwa kultura b'saħħitha ta' mistħija, u stampa negattiva tal-awtiżmu, dan jinħass f'negozji, f'dipartimenti tal-Gvern, fl-atteġjament ta' diversi individwi u anke ta' xi organizzazzjonijiet volontarji, u dan iweġġa' lill-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu u l-familji tagħhom;
- Malta ma teżistix kultura li nipprova nifhem lil ħaddieħor, hi min hi l-persuna l-oħra;
- L-empowerment għandu verament jiffoka fuq li tiġi miġġielda l-istigma – persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu għandhom ikunu jistgħu igawdu kwalunkwe attività li jkunu qed jagħmlu, sakemm din ma tikkawżax ħsara la lilhom u lanqas lil ħaddieħor;
- Malta qed issir ukoll soċjetà aktar multikulturali, għalhekk huwa importanti li nifhmu li kulturi oħra jistgħu jaraw l-awtiżmu b'mod differenti, u jeħtieġ li naħdmu magħhom ukoll;
- L-awtiżmu mhuwiex marda, huwa mod differenti ta' kif tkun persuna – irridu niżguraw li filwaqt li aħna lkoll differenti, aħna lkoll ugwali – skont il-kunċett ta' newrodiversità (diversità newroloġika) imsemmi fil-liġi Maltija;
- Is-soċjetà ma għandhiex toħloq limitazzjonijiet fuq il-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu;

- Ma jeżistix biżżejjed għarfien dwar il-Karta tad-Diżabilità tal-UE u għal xiex din tista' tintuża, fost il-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, il-familji tagħhom, u dawk li jipprovdu prodotti u servizzi;
- Għalkemm xi persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu ma jitkellmux, dan ma jfissirx li m'għandhom xejn xi jgħidu, u rridu nagħmlu sforz biex niżguraw li jkunu jistgħu jikkomunikaw b'modi alternattivi."

# AĦNA SER:

**1.1** Naħdmu, flimkien miegħek, u ma' msieħba oħra lokalment u barra mill-pajjiż, biex nipproduċu kampanji ta' sensibilizzazzjoni li juru x'inhu verament l-awtiżmu, u dak illi tassew mhuwiex, u sabiex niġġieldu l-istigma li teżisti u s-sens ta' mistħija li jħossu kemm ċerti membri tal-familja kif ukoll persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, filwaqt illi nikkonfrontaw teoriji bla bażi dwar l-awtiżmu, mnejn jiġi, u interventi għall-awtiżmu.

**1.2** Dawn il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni, inkluż, fejn rilevanti, fil-forma ta' taħriġ kontinwu u aġġornat, għandu jilħaq lil setturi differenti tas-soċjetà, bħal pereżempju:

- is-settur edukattiv;
- is-settur tas-saħħa;
- is-settur soċjali;
- persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu u l-familji tagħhom;
- persuni ta' appoġġ u persuni li jieħdu ħsieb persuni oħra b'mod informali;
- dawk li jfornu prodotti u servizzi, fis-settur pubbliku u f'dak privat;
- il-pubbliku inġenerali, permezz tal-kunsilli lokali, u l-għaqdiet soċjali u kulturali.

**1.3** Nużaw metodi differenti biex inxerrdu l-messaġġ tagħna, bħal:

- żjarat fiżiċi;
- kampanji tal-midja soċjali;
- midja stampata u awdjo-viżiva.

**1.4** Niżguraw li l-isforzi tagħna jirrappreżentaw gruppi differenti fis-soċjetà Maltija, b'mod partikolari meta dawk il-gruppi jkunu, bħalissa, f'sitwazzjonijiet aktar vulnerabbli:

- persuni minn realtajiet soċjali u ekonomiċi differenti;
- persuni minn reġjuni ġeografiċi differenti f'Malta;
- persuni minn sfondi nazzjonali u kulturali differenti;
- persuni ta' ġeneri differenti (billi ħafna persuni awtomatikament jassoċjaw l-awtiżmu mal-ġeneru maskili biss).

**1.5** Naċċertaw ruħna li l-persuni fil-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, il-familji tagħhom u persuni oħrajn qrib tagħhom ikunu fil-qalba tal-iżvilupp u t-twassil ta' dawn il-kampanji.

**1.6** Niżguraw li din is-sensibilizzazzjoni tkun pass:

- lejn li tiġi miġġielda l-istigma u li wieħed jiġġudika lil ħaddieħor b'rabta ma' ideat żbaljati dwar l-awtiżmu, li jista' jkollhom il-familjari jew kull persuna oħra;
- lejn li nwaqqfu l-bullying fil-forom kollha tiegħu, minn persuni differenti u f'oqsma differenti tal-ħajja, fir-rigward ta' persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu u ta' dawk qrib tagħhom;
- lejn l-aċċettazzjoni ta' persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu bħala membri ugwali tas-soċjetà Maltija, kif speċifikat fil-liġi;

- lejn l-inklużjoni u l-emanċipazzjoni tal-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu u l-familji tagħhom, u lejn il-kisba tal-indipendenza għall-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu.

**1.7** Nagħmlu mill-inklużjoni fenomenu li jsir xi ħaġa naturali għal kulħadd fis-soċjetà Maltija, billi naħdmu biex niżguraw li meta nippjanaw jew nagħmlu xi ħaġa, kulħadd ikun jista' jipparteċipa, inkluż billi jiġi implimentat il-prinċipju tad-Disinn Universali – bħal:

- li t-tfal iħossuhom inklużi fil-klassi u f'attivitajiet ekstrakurrikulari;
- li l-bini jew it-trasportazzjoni pubblika jkunu mfassla b'tali mod li jkunu aċċessibbli għal kulħadd, u dan ikun jinkludi l-ħtiġijiet sensorjali wkoll, u mhux biss il-ħtiġijiet fiżiċi;
- li l-uffiċċji tal-Istat, il-faċilitajiet mediċi, il-ħwienet u servizzi bħal tal-parrukkiera, ikunu jistgħu jilqgħu lil kulħadd;
- li jiżdied l-għarfien dwar il-Karta tad-Diżabilità tal-UE u għal xiex din tista' tintuża, fost persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, il-familji tagħhom, u l-fornituri ta' prodotti u servizzi, u sabiex jiġi żgurat li din tiġi użata u aċċettata b'mod iktar wiesa';
- li jiġi żgurat li l-ispazji miftuħa u l-postijiet għat-tgawdija tal-ħin liberu jkunu jistgħu jintużaw minn kulħadd;
- li filwaqt li jkun żgurat impenn lejn il-prinċipju tad-Disinn Universali bħala regola ġenerali, isiru aġġustamenti raġonevoli fir-rigward tal-provvista ta' servizzi, bħal per eżempju permezz ta' sigħat fejn is-servizz ikun iktar adattat għall-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu fil-ħwienet, u wiri ta' films fiċ-ċinema f'ambjent li jkun iktar adattat għall-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu.

**1.8** Nenfasizzaw il-ħtieġa, f'kampanji bħal dawn, li nemanċipaw lill-persuni li ma jagħmlu l-ebda użu jew ftit li xejn użu tal-lingwa mitkellma, billi:

- nipprovdulhom ukoll aċċess għal, finanzjament, taħriġ u appoġġ għall-użu ta' sistemi u strateġiji ta' komunikazzjoni awmentattiva u alternattiva (AAC), li jinkludu:

    - AAC mhux assistit, bħal, per eżempju l-użu ta' sinjali u ġestikolazzjoni;

    - AAC assistit, inkluż sistemi inqas speċjalizzati bħall-PECS (Picture Exchange Communication System), teknoloġiji tat-tablets li jinkludu applikazzjonijiet speċifiċi għall-AAC, u apparat speċjalizzat għall-AAC, speċjalment meta tali apparat ikun indispensabbli għat-twettiq ta' attivitajiet tal-ħajja ta' kuljum;

    - strateġiji viżwali għall-komunikazzjoni;

kif ukoll lingwi oħra, mitkellma jew mhumiex, flimkien ma' interventi – kif u fejn xieraq – bħat-terapija tat-tlissin u tal-lingwa (speech and language therapy);

- nedukaw il-membri tal-familja u l-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu nfushom dwar id-disponibbiltà ta' u l-possibbiltà li jintużaw tali metodi alternattivi u awmentattivi ta' komunikazzjoni;

- naraw li nilħqu b'mod partikolari lil istituzzjonijiet edukattivi u lil min iħaddem, fornituri ta' servizzi, pubbliċi u privati, bħal negozji, sptarijiet u uffiċċji tal-Gvern, forzi dixxiplinati bħall-Pulizija, u lil organizzazzjonijiet volontarji, biex ikunu konxji ta' u mgħammra sabiex jinteraġixxu ma' persuni li jużaw komunikazzjoni alternattiva u awmentattiva, sabiex jingħelbu l-barrieri fir-rigward tal-attitudni fejn jidħlu tali forom ta' komunikazzjoni, u jiġi żgurat li dawn il-persuni jinstemgħu.

# 02

# Identifikazzjoni Bikrija u Interventi għall-Awtiżmu

# INTOM GĦIDTU:

- "It-tfal mhux qed jiġu identifikati kmieni biżżejjed fir-rigward ta' jekk ikunux fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, u l-interventi mhumiex qed jibdew kmieni biżżejjed;
- Il-proċess ta' identifikazzjoni bikrija huwa twil, jista' ma jkunx dinjituż, u jista' jwassal ukoll għal spejjeż sinifikanti;
- Il-metodoloġija użata għall-identifikazzjoni bikrija jeħtieġ li tiġi riveduta, u l-ġenituri qed jitolbu aktar ċarezza;
- Kemm kmieni huwa kmieni biżżejjed jew kmieni wisq għall-intervent bikri?
- Il-bniet qed jintilfu mis-sistema dijanjostika, jew mhux qed jiġu servuti tajjeb mill-interventi attwali disponibbli;
- Għadna 'l bogħod milli jkollna sistemi stabbiliti sabiex b'mod raġonevoli tinkiseb dijanjosi, u jkun hemm interventi xierqa u forom ta' appoġġ prattiċi għall-adulti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu;
- Il-familji u l-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu għandhom jingħataw aktar gwida meta jfittxu l-identifikazzjoni bikrija u/jew l-interventi għall-awtiżmu, u għandhom ukoll ikunu assistiti fir-rigward tal-ispejjeż rilevanti;
- Ninkwetaw dwar il-kontinwità tas-servizzi;
- Il-fornituri tas-servizzi li joffru servizzi ta' identifikazzjoni bikrija u ta' interventi għall-awtiżmu għandhom jiġu rregolati, u għandhom isegwu standards komuni għall-benefiċċju tal-utenti tas-servizzi;
- It-tfal fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu u l-familji tagħhom għandhom jiġu inklużi, kemm jista' jkun, fil-proċess ta' identifikazzjoni bikrija;
- Il-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu u l-familji tagħhom, b'mod partikolari l-ġenituri u l-aħwa, kif ukoll dawk qrib tagħhom, għandhom ikunu fiċ-ċentru ta' kwalunkwe intervent għall-awtiżmu;

- Kwalunkwe intervent għall-awtiżmu għandu jkun imfassal speċifikament madwar il-persuna fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, u ma jippruvax jibdilhom, iżda joħroġ l-aħjar fihom;

- Il-ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa tat-tfal u l-adolexxenti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu mhumiex qed jiġu indirizzati b'mod sensittiv għall-awtiżmu;

- M'hemm l-ebda medikazzjoni xierqa li nista' nsib għall-awtiżmu/waħda mill-akbar problemi tagħna hija l-medikazzjoni żejda;

- M'hemmx biżżejjed informazzjoni jew gwida dwar interventi alternattivi għall-awtiżmu;

- Huwa importanti li strutturi u sistemi jkunu fis-seħħ biex jippermettu lill-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu jirċievu dijanjosi preċiża u l-appoġġ li jeħtieġu, u b'hekk jiġi ffaċilitat il-funzjonament ottimali tagħhom, u l-kapaċità tagħhom li jipparteċipaw f'attivitajiet ta' kuljum, f'soċjetà li taċċettahom u tifhimhom."

# AĦNA SER:

**2.1** Naħdmu, flimkien miegħek, mal-fornituri tas-servizzi, mas-settur volontarju, u ma' korpi rilevanti tal-Istat, biex niżguraw riforma olistika tas-servizzi statali u privati attwali fil-qasam tal-identifikazzjoni bikrija u l-interventi għall-awtiżmu, għal persuni ta' etajiet differenti, billi:

  - nibnu fuq u nsaħħu strutturi statali diġà eżistenti, kemm f'termini tal-qasam kliniku kif ukoll f'dak tar-riżorsi umani u taħriġ speċjalizzati, bħat-Taqsima tal-Assessjar tal-Iżvilupp tat-Tfal (CDAU), is-Servizz Nazzjonali għal Tfal u Żgħażagħ (CYPS), is-Servizz tal-Psikologi tal-Iskejjel, it-Tim ta' Appoġġ għall-Firxa Wiesgħa ta' Awtiżmu fl-iskejjel, u servizzi relatati, biex jiġu żgurati interventi u appoġġ effettivi u f'waqthom;

  - Naħdmu sabiex:

- kontinwament intejbu r-riżorsi, inklużi r-riżorsi umani, li jeżistu fir-rigward ta' servizzi, inklużi dawk relatati mal-appoġġ psikosoċjali u prattiku, ma' ħiliet bħas-soċjalizzazzjoni u l-użu sigur tal-internet, u inkluż permezz tal-użu ta' annimali ta' appoġġ, terapiji bħall-mindfulness u terapija tal-mużika, u teknoloġiji awmentattivi u alternattivi għall-komunikazzjoni (AAC);

- niżguraw il-kontinwità tas-servizzi;

- niżguraw illi s-servizzi ma jkunux biss għall-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, imma wkoll speċifikament għall-benefiċċju tal-membri tal-familja tagħhom u ta' dawk qrib tagħhom, inkluż permezz ta' miżuri ta' sostenn lill-familji (family-friendly measures), u speċjalment fir-rigward ta' materji bħal meta wieħed jaffaċċja n-niket, l-isfidi u l-aljenazzjoni bħala ġenitur (parental alienation);

• niżguraw monitoraġġ u reviżjoni regolari tal-metodi użati, biex jinżammu konformi mal-aħjar standards internazzjonali, u li servizzi bħal counselling u appoġġ psikoloġiku ma jkunux trattati sempliċement bħala interventi purament mediċi, imma minflok ikunu mogħtija b'umanità u b'mod olistiku minn perspettiva soċjali, fil-qafas tal-mudell soċjali tad-diżabilità;

• niżviluppaw aktar is-servizzi ġenetiċi eżistenti, kemm f'termini tal-bini tal-kapaċità, kif ukoll tal-iżvilupp u t-taħriġ fir-rigward tas-servizzi tas-saħħa, u li huma ffukati fuq l-identifikazzjoni tal-etjoloġija sottostanti tad-diżabilità newrożviluppali, filwaqt li jiġi żgurat li d-dejta miġbura minn dawn is-servizzi tintuża għal għanijiet xierqa;

• Nifhmu illi:

  - Ħafna individwi jistgħu ma jurux manifestazzjonijiet qawwija jew sterjotipiċi ta' sintomi mistennija tal-awtiżmu, bħal sfidi fil-komunikazzjoni jew l-interazzjoni soċjali, jew interessi, imġiba jew attivitajiet speċifiċi, iżda xorta jistgħu jikkwalifikaw għal dijanjosi tal-awtiżmu, jew inkella għal appoġġ biex jiġu indirizzati l-isfidi li jiffaċċjaw;

  - Dawk il-proċeduri dijanjostiċi għandhom jitwettqu bl-użu ta' metodi

transdixxiplinari, infurmati minn prattika bbażata fuq l-evidenza, u li anke l-aħjar prattiċi huma tajbin biss daqs il-kompetenza ta' dawk li jamministrawhom;

- Nifhmu illi:

  - Ħafna individwi b'manifestazzjonijiet qawwija jew sterjotipiċi ta' sintomi mistennija tal-awtiżmu, bħal sfidi fil-komunikazzjoni jew l-interazzjoni soċjali, jew interessi, imġiba jew attivitajiet speċifiċi, jistgħu juru ċerti sintomi ewlenin mistennija filwaqt li jonqsu milli juru oħrajn, li jista' jwassal biex min ikun qiegħed jagħmel id-dijanjosi ma jagħtix dijanjosi formali lil dawn il-persuni, u;

  - Li individwi, li fil-każ tagħhom dawn is-sintomi mistennija ma jidhrux b'mod partikolari, jew dawk li altrimenti jippreżentaw b'modi differenti ħafna għan-normi sterjotipiċi mistennija, jistgħu wkoll jiġu esklużi mid-dijanjosi formali, u;

  - Li għandu jsir kull sforz biex jiġi żgurat li dawn il-fatturi ma jimpedixxux persuna milli tirċievi dijanjosi, kmieni kemm jista' jkun, u skont il-linji gwida dwar l-aħjar prattiċi l-aktar kurrenti, biex jiġi żgurat li persuna jkollha aċċess għall-appoġġi kollha meħtieġa biex tindirizza l-isfidi li tiffaċċja, inklużi dawk li joħorġu minn fatturi bħall-ansjetà, id-differenzi fl-ipproċessar sensorjali, u r-regolazzjoni emozzjonali, u dawk li jirriżultaw minn kundizzjonijiet li jseħħu flimkien;

- Nifhmu li l-mudell mediku ta' investigazzjoni, dijanjosi formali u trattament m'għandu qatt jeskludi jew jissostitwixxi appoġġi funzjonali, soċjali u edukattivi kontinwi, u li l-iżgurar li dawn l-appoġġi għandu jkun il-fokus primarju għall-identifikazzjoni bikrija u/jew l-interventi, kif distint mill-isforzi biex tiġi prodotta tikketta dogmatika, permanenti u dijanjostika.

**2.2** Nipproponu abbozz ta' leġiżlazzjoni li jirregola b'mod xieraq il-forniment ta' servizzi professjonali fil-qasam tal-awtiżmu, u r-reġistrazzjoni u l-modus operandi tal-fornituri tas-servizzi, biex:

- niżguraw is-serħan il-moħħ għall-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu u l-familji li jużaw dawn is-servizzi;

- nappoġġjaw fornituri ta' servizzi regolati li min-naħa tagħhom ikunu jixtiequ jappoġġjaw persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, il-familji tagħhom u oħrajn qrib tagħhom;
- inwaqqfu kwalunkwe prattika negattiva li ma tkunx konformi mal-aħjar standards internazzjonali.

**2.3** Naħdmu mill-qrib mal-Gvern, wara l-adozzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni, biex niżguraw mekkaniżmi għall-appoġġ finanzjarju lill-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu u l-familji tagħhom, li jagħmlu użu minn servizzi regolati ta' identifikazzjoni bikrija u ta' interventi għall-awtiżmu, inkluż permezz ta' rifużjonijiet ta' taxxa, filwaqt li niżguraw ukoll li ma jkun hemm l-ebda duplikazzjoni tas-servizzi koperti minn tali appoġġ finanzjarju.

**2.4** Inżommu djalogu miftuħ mal-fornituri tas-servizzi fil-qasam tal-identifikazzjoni bikrija u l-interventi għall-awtiżmu, li jkun ikopri wkoll:

- il-promozzjoni tal-kunċett ta' interventi olistiċi u ċċentrati fuq il-persuna, b'enfasi fuq metodi transdixxiplinarji, li jġibu flimkien professjonisti differenti minn dixxiplini differenti;
- l-iżgurar ta' garanziji għall-kontinwità u l-kopertura tas-servizzi, b'mod ġenerali, u speċjalment meta s-servizzi jiġu offruti mill-Istat, jew permezz tas-sħubija ta' fornitur privat mal-Istat;
- l-iżgurar li s-servizzi ma jiġux offruti biss lit-tfal, imma jkunu disponibbli tul il-ħajja ta' persuna;
- in-negozjar ta' arranġamenti xierqa sabiex jiġi indirizzat il-fenomenu tal-listi ta' stennija.

**2.5** Naħdmu miegħek, ma' entitajiet governattivi rilevanti, u ma' fornituri ta' servizzi, pubbliċi u privati, biex niżguraw li s-servizzi ta' identifikazzjoni bikrija u ta' interventi

għall-awtiżmu jkunu aktar sensittivi għall-ġeneru, u jsegwu approċċ inklużiv u intersezzjonali, b'emfasi partikolari fuq li l-professjonisti jkunu konxji ta' diskrepanzi marbuta mal-ġeneru, sottili imma sinifikanti, fil-mod ta' kif l-awtiżmu jimmanifesta fin-nisa u f'persuni mhux binarji meta kkuntrastat ma' kif jimmanifesta fl-irġiel, bit-terapiji u l-appoġġi jkunu adattati għal tali differenzi.

**2.6** Naħdmu miegħek, ma' entitajiet governattivi rilevanti, u ma' fornituri tal-kura tas-saħħa, pubbliċi u privati, biex niżguraw li l-interventi tal-kura tas-saħħa offruti lit-tfal u l-adolexxenti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu:

- ikunu adattati kemm għad-diżabilità kif ukoll għall-età;
- jitwasslu f'ambjenti sensittivi għall-awtiżmu, u primarjament f'ambjenti familjari bħal fl-ambjenti tad-dar/skola/post tax-xogħol;
- jitwasslu minn persunal sensitizzat għall-ħtiġijiet ta' dawn it-tfal u adolexxenti;
- ikunu mwassla flimkien ma' miżuri ta' sensibilizzazzjoni u informazzjoni mmirati lejn dawn it-tfal, u adolexxenti u l-familji tagħhom, kemm fil-post tal-intervent, pereżempju permezz tal-użu ta' sinjali ċari, kif ukoll barra minnu, pereżempju permezz ta' siti web aċċessibbli.

**2.7** Naħdmu miegħek, ma' entitajiet governattivi rilevanti, u ma' fornituri pubbliċi u privati ta' servizzi, sabiex jiġi żgurat li jkun hemm u li jkun hemm aċċess għal servizzi ta' dijanjosi u interventi għall-awtiżmu għall-adulti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, li jkunu xierqa u sensittivi fir-rigward tal-età u l-ġeneru tal-persuna, b'emfasi partikolari fuq servizzi ta' appoġġ psikosoċjali u prattiċi;

**2.8** Naħdmu mill-qrib ma' entitajiet governattivi rilevanti u partijiet interessati oħra involuti, inkluż l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, lejn il-ġbir ta' statistika anonimizzata rilevanti għan-numru ta' persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu f'Malta, bl-iskop speċifiku li tintuża din id-dejta:

- 'konformità mal-obbligi applikabbli misjuba fil-liġijiet internazzjonali u nazzjonali;

- diżaggregati skont il-linji gwida dwar l-aħjar prattiċi stabbiliti mill-Grupp ta' Washington tal-Ġnus Magħquda dwar l-Istatistiċi dwar id-Diżabilità;

- biex tkun tista' tiġi vviżwalizzata aħjar il-ħtieġa għal servizzi u appoġġi għall-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, u jiġu pprovduti tali servizzi u appoġġi f'konformità mal-kontributi riċevuti.

**2.9** Naħdmu miegħek, ma' esperti rilevanti, ma' korpi tal-Istat u ma' awtoritajiet regolatorji, biex neżaminaw sew il-fenomenu tal-medikazzjoni u l-awtiżmu f'Malta u, b'mod partikolari:

- Neżaminaw l-użu attwali u possibbli tal-medikazzjoni, filwaqt li dejjem nikkunsidraw id-drittijiet u l-kontribut ta' persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, biex itejbu l-kwalità tal-ħajja fir-rigward ta' lmenti speċifiċi;

- Inħarsu lejn il-fenomenu tal-medikazzjoni żejda, u nindirizzaw kwalunkwe tħassib kif meħtieġ;

- Niżguraw illi sforzi xierqa dwar għarfien isiru fir-rigward ta' persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu u ta' dawk illi jappoġġjawhom, inklużi l-professjonisti, dwar materji li għandhom x'jaqsmu ma' medikazzjoni, inkluż dwar l-effetti tul perjodi iqsar u iktar fit-tul ta' tali mediċini, u dwar l-għażliet differenti illi jeżistu;

- Neżaminaw il-fenomenu ta' mediċina alternattiva u interventi oħra, offruti kemm lokalment kif ukoll barra mill-pajjiż, fir-rigward ta' esperjenzi speċifiċi ta' lmenti minn persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, u naħdmu biex nevalwaw benefiċċji u riskji possibbli bbażati fuq l-evidenza, jekk ikun hemm evidenza ta' effettività possibbli, kif ukoll nikkunsidraw regolamentazzjoni speċifika.

**2.10** Naħdmu biex jiġi żgurat li l-kontribut u l-ilħna tal-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, il-familji tagħhom u oħrajn qrib tagħhom jingħataw l-ogħla kunsiderazzjoni, fl-isfond ta' din l-Istrateġija, meta tiġi ppjanata kwalunkwe azzjoni ulterjuri meħuda fir-rigward tal-identifikazzjoni bikrija u tal-interventi għall-awtiżmu.

# 03

## Edukazzjoni

# INTOM GĦIDTU:

- "L-istudenti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu għadhom mhux qed igawdu l-istess trattament bħall-pari newrotipiċi tagħhom, kemm fis-sistemi edukattivi privati kif ukoll f'dawk pubbliċi, fil-livelli kollha;

- Filwaqt li hemm ħafna edukaturi impenjati, bħal amministraturi, għalliema jew letturi, edukaturi ta' appoġġ għat-tagħlim (LSEs), u professjonisti jew persuni oħra minn oqsma speċjalizzati, is-sensittività għall-awtiżmu għadha tvarja ħafna minn skola għal skola, fil-livell primarju u sekondarju, kif ukoll f'istituzzjonijiet differenti fil-livell terzjarju;

- Fil-livell primarju u sekondarju, l-ambjent tal-iskola u tal-klassi għandu jiġi adattat biex jiġi żgurat li t-tfal fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu ma jiġux attivati (triggered) minn elementi bħal geġwiġija fuq il-ħitan tal-klassi, filwaqt li l-ambjent isir ukoll aktar pjaċevoli għat-tfal newrotipiċi;

- It-tfassil ta' lezzjonijiet jew lekċers b'mod li jinkludi aħjar kemm l-istudenti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, kif ukoll l-istudenti newrotipiċi, jippermetti lill-istudenti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu li jibbenefikaw b'mod aktar wiesa' mill-edukazzjoni mainstream;

- Għandhom jiġu żviluppati u jsiru aktar sforzi biex it-tfal fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu jiġu inklużi fl-edukazzjoni mainstream, bħal permezz ta' klassijiet jew taqsimiet ta' appoġġ, u programmi supplimentari ulterjuri, kif meħtieġ;

- Għandu jiġi żgurat li l-Pjan ta' Edukazzjoni Individwalizzat (IEP) ma jkunx disponibbli biss għall-istudenti tal-iskola primarja u sekondarja, iżda wkoll għall-istudenti fl-edukazzjoni post-sekondarja;

- Għandna naħdmu mill-qrib mal-istituzzjonijiet edukattivi, fil-livelli kollha, biex niżguraw li l-għarfien dwar l-awtiżmu jixxerred mal-istudenti kollha – kemm ma' dawk fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, kif ukoll ma' dawk li mhumiex, u mal-familji u l-edukaturi;

- L-istrutturi ta' appoġġ għandhom jiġu stabbiliti jew imsaħħa f'istituzzjonijiet edukattivi pubbliċi u privati, f'livelli differenti, għandhom isegwu disinn komuni, u dan għandu jsir bil-kontribut u l-parteċipazzjoni ta' persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu u l-familji tagħhom;

- Għandna ninnutaw il-benefiċċji illi t-tagħlim virtwali (e-learning) ġab miegħu, u ma ninsewx dwaru ladarba tkun għaddiet il-pandemija tal-COVID-19;

- L-ippjanar għat-tranżizzjonijiet għandu jseħħ b'mod aktar strutturat, b'mod partikolari fir-rigward tat-tranżizzjoni bejn id-dar jew servizzi ta' kura tat-tfal u s-sistema edukattiva, tranżizzjonijiet fi ħdan is-sistema edukattiva, u tranżizzjonijiet bejn is-sistema edukattiva u d-dinja tax-xogħol."

# AĦNA SER:

**3.1** Naħdmu, flimkien miegħek, u ma' korpi tal-Istat u fornituri tal-edukazzjoni rilevanti, biex:

- niżguraw qafas aġġornat, simplifikat u olistiku sabiex ikunu stabbiliti, osservati u indirizzati l-ħtiġijiet edukattivi tal-istudenti dwar il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu;

- nibnu fuq proċessi, bħall-ħidma tal-Bord għall-Moderazzjoni tad-Dikjarazzjonijiet (Statementing Moderating Panel), fuq politiċi bħall-Politika Nazzjonali ta' Inklużjoni, u fuq settijiet ta' għodod bħas-Sett ta' Għodod ta' Appoġġ għall-Firxa Wiesgħa ta' Awtiżmu (Autism Spectrum Support Toolkit), li jeżistu bħalissa;

- niżguraw li l-Pjanijiet ta' Edukazzjoni Individwalizzati (IEPs) ikunu estiżi wkoll għall-istudenti fl-edukazzjoni terzjarja, filwaqt li jikkumplimentaw skemi eżistenti bħar-rapporti ta' Course Access Needs (CAN) użati mill-Università ta' Malta, u l-involviment tal-istudenti fil-proċess tal-abbozzar u s-segwitu tagħhom, filwaqt illi għandhom jittieħdu miżuri sabiex jiġi żgurat li l-IEPs jiġu implimentati u osservati bl-aħjar mod possibbli;

- insaħħu strutturi ta' appoġġ eżistenti u niżviluppaw strutturi ġodda ta' appoġġ fost l-istituzzjonijiet edukattivi, u eventwalment pjan komuni għal strutturi bħal dawn fil-livell primarju, sekondarju u terzjarju;

- nesploraw aktar u nagħmlu użu mill-benefiċċji li joffri t-tagħlim virtwali (e-learning).

**3.2** Naħdmu, flimkien miegħek, u ma' korpi tal-Istat rilevanti, fornituri tal-edukazzjoni, u ma' min iħaddem jew potenzjalment ikun ser iħaddem persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, biex:

- nibnu fuq u nikkonsolidaw skemi eżistenti, u niżviluppaw qafas olistiku biex nipprovdu lill-istudenti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu bi gwida u appoġġ għall-karriera;

- noħolqu skemi ta' apprendistat u ta' esperjenza ma' min iħaddem għall-istudenti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, u nħeġġu lil min potenzjalment ikun ser iħaddem persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu biex jieħu sehem f'inizjattivi bħal dawn;

- noħolqu sistema, ibbażata fuq esperjenzi tal-aħjar prattiċi f'pajjiżi oħra, li tappoġġja lill-istudenti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu meta jagħmlu l-pass minn istituzzjonijiet edukattivi għad-dinja tax-xogħol.

**3.3** Naħdmu, flimkien miegħek, u ma' korpi tal-Istat u fornituri tal-edukazzjoni rilevanti, biex:

- inżidu l-kontenut relatat mal-awtiżmu, inkluż l-esponiment għal sitwazzjonijiet fil-ħajja ta' kuljum li jinvolvu l-awtiżmu, f'taħriġ inizjali u ta' segwitu, illi għandu jingħata lill-professjonisti edukattivi, u jiġi aġġornat b'mod kostanti;

- niżguraw li l-għarfien kontinwu dwar l-awtiżmu jingħata kemm lill-istudenti kollha kif ukoll lill-ġenituri fejn applikabbli.

**3.4** Naħdmu ma' korpi tal-Istat u fornituri tal-edukazzjoni rilevanti, biex jiġi stabbilit aktar il-prinċipju tad-Disinn Universali għat-Tagħlim – disinn li jaħdem għal kulħadd – bħala

valur edukattiv ewlieni, filwaqt illi nippromwovu atteġjamenti pożittivi u aktar għarfien f'dan ir-rigward.

**3.5** Naħdmu, flimkien miegħek, u ma' korpi tal-Istat u fornituri tal-edukazzjoni rilevanti, biex:

- ninkoraġġixxu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' klassijiet jew taqsimiet ta' appoġġ għall-istudenti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, fi ħdan l-edukazzjoni mainstream;
- nirrevedu u ninkoraġġixxu l-iżvilupp ta' programmi supplimentari ġodda, li jirrispondu għall-ħtieġa ġenerali, ukoll f'kollaborazzjoni ma' entitajiet mhux governattivi u fornituri privati.

**3.6** Naħdmu, flimkien miegħek, u ma' korpi tal-Istat u fornituri tal-edukazzjoni rilevanti, biex:

- niżguraw li kull assessjar reviżjonijiet ta' segwitu meħtieġa jsiru meta t-tfal ikunu għadhom żgħar kemm jista' jkun, u li l-Istat ikollu s-setgħa li jieħu l-passi meħtieġa fl-aħjar interessi tat-tfal bħala parti minn dan il-proċess, sabiex it-tfal ikunu jistgħu jaċċessaw is-servizzi u l-appoġġi l-aktar xierqa, kmieni kemm jista' jkun, u mingħajr dewmien;
- nagħmlu aktar sforzi biex niżguraw l-inklużjoni ta' ċerti studenti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu fl-edukazzjoni mainstream, biex niżguraw li jirċievu l-intitolament akkademiku tagħhom, aktar milli nirrikorru għal metodi bħall-użu estensiv tal-kmamar tal-irtirar (withdrawal rooms);
- nirrevedu l-programmi offruti mill-iskejjel, u nagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar aġġornamenti għal programmi eżistenti, u programmi ġodda.

**3.7** Naħdmu, flimkien miegħek, u ma' korpi tal-Istat u fornituri tal-edukazzjoni rilevanti, fuq strateġiji xierqa ta' ppjanar ta' tranżizzjonijiet fil-livelli kollha:

- mid-dar u mis-servizzi ta' kura tat-tfal għall-edukazzjoni obbligatorja;

- mill-iskola primarja sa dik medja, mill-iskola medja sa dik sekondarja, mill-iskola sekondarja sal-edukazzjoni post-sekondarja, u mill-edukazzjoni post-sekondarja għall-edukazzjoni terzjarja;

- bejn l-edukazzjoni formali u l-impjieg.

# 04

## Impjieg

# INTOM GĦIDTU:

- “Ninsabu inkwetati li wliedna mhux se jkunu jistgħu jsibu impjieg kullimkien;
- Is-servizzi tal-impjieg mhumiex sensittivi għall-awtiżmu, għalhekk m’hemm l-ebda mod kif nista’ nikseb impjieg, jekk lanqas biss nista’ nuża l-proċess li jgħinni nikseb wieħed;
- Min iħaddem ma jafx x’inhu l-awtiżmu, jew inkella ma jridx jimpjega persuni fuq il-firxa wiesgħa ta’ awtiżmu;
- Nibża’ li ngħid li jien fuq il-firxa wiesgħa ta’ awtiżmu fuq ix-xogħol, għax jaqbdu u jkeċċuni;
- M’hemm l-ebda mod li se jkolli xogħol ta’ stoffa jekk jien fuq il-firxa wiesgħa ta’ awtiżmu, qatt ma ġejt offrut xejn għajr ċekċik minħabba li jien kif jien, imma naf li kapaċi li nagħmel ħafna aktar;
- Aħna nixtiequ biss li xi nies ikunu jistgħu jgħinuna bil-coaching fuq il-post tax-xogħol;
- Min iħaddem jippreferi jħallas multa jekk ma jilħaqx il-kwota ta’ 2% fir-rigward tal-impjieg ta’ persuni b’diżabilità, minflok ma joffri impjieg adegwat lill-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta’ awtiżmu illi jibbenefika lill-partijiet kollha;
- Hemm programmi ta’ taħriġ ma’ min iħaddem, iżda huwa impossibbli li jitkompla l-impjieg full-time ma’ kumpanija wara l-perjodu ta’ taħriġ;
- Min iħaddimni qed jirrifjuta li jagħmel l-aġġustamenti meħtieġa li jien intitolat għalihom minħabba li jien fuq il-firxa wiesgħa ta’ awtiżmu, jew inkella qed jhedded li jkeċċini għax qed inkun diffiċli;
- Ma nafux fejn jew għand min għandna nirrikorru għal assessjar, taħriġ jew appoġġ li jikkonċerna l-impjieg;

- It-trejdjunjins għandhom ikunu hemm biex jiddefendu d-drittijiet tal-ħaddiema u ta' dawk kollha li qed ifittxu x-xogħol, inklużi dawk fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu."

# AĦNA SER:

**4.1** Naħdmu, flimkien miegħek, ma' entitajiet governattivi rilevanti, u ma' min iħaddem, fis-settur pubbliku u privat, biex:

- niżguraw qafas aġġornat, simplifikat u olistiku sabiex ikunu stabbiliti, osservati u indirizzati l-ħtiġijiet tal-impjieg tal-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, inkluż billi tiġi żgurata l-aċċessibilità, speċifikament l-aċċessibilità sensorjali tal-postijiet tax-xogħol, skont il-prinċipju ta' Disinn Universali, u b'hekk jibbenefikaw impjegati awtistiċi u mhux awtistiċi bl-istess mod;

- niżguraw l-għarfien dwar u l-implimentazzjoni ta' aġġustamenti raġonevoli bil-persuna nfisha fil-qafas ta' dan, bħat-teleworking, provviżjoni ta' teknoloġiji assistivi, u għarfien u fehim akbar fir-rigward tal-ibbilanċjar tax-xogħol u l-leave, partikolarment is-sick leave;

- infasslu u nwasslu preżentazzjonijiet li jenfasizzaw il-benefiċċji tal-impjegar ta' persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu;

- ninkoraġġixxu impjieg għall-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu li jkun effettiv u ta' benefiċċju għall-partijiet kollha involuti, bħala alternattiva għall-ħlas ta' multi preskritti minn min iħaddem meta dan ma jilħaqx il-kwota fir-rigward tal-impjieg ta' persuni b'diżabilità;

- infasslu taħriġ dwar l-awtiżmu fuq il-post tax-xogħol, għal min iħaddem u għall-kollegi tal-impjegati fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu.

**4.2** Inkomplu l-ħidma, flimkien miegħek, entitajiet governattivi rilevanti, u min iħaddem, fis-settur pubbliku u privat, biex:

- il-programmi eżistenti offruti mill-Istat jew minn min iħaddem fil-privat, f'oqsma bħat taħriġ ta' qabel l-impjieg, inkluż preparazzjoni għal interviews għall-impjieg, u skemi ta' esperjenza ma' min iħaddem, immirati lejn persuni b'diżabilità, jinkludu b'mod speċifiku lil persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu;

- jinħolqu mezzi xierqa ta' komunikazzjoni, biex il-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu u l-familji tagħhom ikunu konxji ta', u jkunu jistgħu jagħmlu użu minn dawn il-programmi;

- tiġi żgurata sensibilizzazzjoni għall-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu fir-rigward tal-impjieg f'oqsma partikolari illi joħorġu l-abbiltajiet tagħhom;

- ikun żgurat illi l-aċċess għall-impjieg ma jkunx immirat biss lejn ċerti persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, imma lejn persuni differenti illi jkollhom ħtiġijiet ta' appoġġ illi jvarjaw.

**4.3** Nikkoperaw ma' entitajiet governattivi u istituzzjonijiet edukattivi rilevanti, u riċerkaturi esterni skont il-ħtieġa, sabiex:

- tkompli tissaħħaħ is-sistema nazzjonali ta' kkowċjar u mentoraġġ tal-impjiegi, filwaqt illi jiġu żgurati monitoraġġ u reviżjoni regolari ta' tali sistema;

- jinħolqu sħubijiet ma' entitajiet barranin biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' kowċis tax-xogħol u mentors tal-impjiegi f'Malta;

- naħdmu lejn strateġija għaż-żamma tal-impjiegi għal Malta, f'kollaborazzjoni ma' min iħaddem, fis-settur privat u f'dak pubbliku.

**4.4** Naħdmu, flimkien ma' entitajiet governattivi rilevanti, biex:

- ninkoraġġixxu ditti ġodda, b'mod partikolari ditti barranin b'rekord tajjeb fil-qasam tal-awtiżmu, u startups lokali, biex joperaw b'mod sensittiv għall-awtiżmu;

- noffru gwida, inċentivi finanzjarji u persunal lil dawn id-ditti, inklużi kowċis tax-xogħol u mentors tal-impjiegi;

- nesploraw sistema ta' ċertifikazzjoni u għarfien ta' dawk li jħaddmu b'mod inklużiv għall-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu;

- ninkoraġġixxu l-użu ta' intrapriżi soċjali fil-qasam tal-awtiżmu, kemm għall-benefiċċju ta' persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, u speċjalment bl-involviment u anke t-tmexxija ta' persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu.

**4.5** Nikkoperaw ma' entitajiet governattivi rilevanti, biex niżguraw li l-inċentivi tat-taxxa offruti lill-impjegati fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu jiġu estiżi wkoll għal persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu li jixtiequ jaħdmu għal rashom.

**4.6** Nagħmluha prijorità li naħdmu mill-qrib mal-awtoritajiet regolatorji, biex niżguraw li titrażżan id-diskriminazzjoni, billi b'mod pro-attiv jiġu identifikati u indirizzati materji relatati ma':

- li min iħaddem jimxi b'mod diskriminatorju fil-fażi ta' qabel l-impjieg, bħal fir-rigward ta' interviews għall-impjieg;

- li impjegati jgħarrfu li jinsabu fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu;

- li min iħaddem ma jipprovdix aġġustamenti raġonevoli jew ambjent ta' xogħol xieraq, kif meħtieġ mil-liġi lill-impjegati fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu;

- li min iħaddem jagħti inqas xogħol, jew ikun risponsabbli ta' bullying mal-impjegati, jew li jittrattahom ta' tfal, minħabba li dawn l-impjegati jkunu fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu;

- li min iħaddem jhedded lill-impjegati b'konsegwenzi negattivi jew telf ta' impjieg, għal raġunijiet relatati speċifikament ma' li impjegat ikun fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu.

**4.7** Nibdew djalogu kostruttiv mat-trejdjunjins nazzjonali, bil-parteċipazzjoni ta' persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu u l-familji tagħhom, biex:

- nagħmlu t-trejdjunjins u l-uffiċjali tagħhom fil-livelli kollha konxji tal-awtiżmu, u tal-ħtiġijiet tal-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu fis-suq tax-xogħol;

- niżguraw li t-trejdjunjins isiru xprun għall-promozzjoni tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni għall-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, fl-oqsma kollha relatati mal-impjiegi u r-relazzjonijiet industrijali.

# 05

# Attiviżmu, Attiviżmu mill-Individwi Konċernati (Self-Advocacy), u Sensibilizzazzjoni

# INTOM GĦIDTU:

- " M'għandniex vuċi (persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu);
- Xi ngħidu dwar in-Nofsinhar ta' Malta?;
- Xi ngħidu dwar Għawdex?;
- X'se jiġri lil uliedna meta aħna niġu neqsin?;
- Għaliex mhux se jisimgħu lilna, bħala ġenituri?;
- Kif se jisimgħu lilna, jekk persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu ma jittiħdux bis-serjetà?;
- Kieku semgħuna jew kieku konna inklużi, ma konniex niġu fiex ġejna;
- 'Li jkollok leħen' u 'li tinstema" huma żewġ affarijiet differenti;
- Irrid li wliedi jkunu jistgħu jadvokaw għalihom infushom, u jgħidu lill-għalliem tagħhom kif iħossuhom dwar ċerti affarijiet, id-darba li jmiss;
- Irridu noħorġu fil-beraħ u nuru lil Malta aħna min aħna verament, iżda huwa impossibbli li nagħmlu dan issa."

# AĦNA SER:

**5.1** Inkomplu naħdmu mal-grupp ta' ħidma tal-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu, stabbilit ai termini tal-liġi, għall-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, biex:

- nagħtu lill-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu l-inkoraġġiment u l-appoġġ meħtieġ, flimkien ma' pjattaforma, biex ikomplu bl-attiviżmu lejn l-emanċipazzjoni;

- nirrikonoxxu li l-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu huma differenti iżda definittivament mhux inqas, fl-ispirtu tan-newrodiversità, li jippermettilhom jikkultivaw sens ta' identità u jaqsmuh ma' oħrajn;

- nippermettu lill-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu jikkoordinaw u jidderieġu l-isforzi tagħhom fil-livell nazzjonali, bħala aġenti għall-bidla, inkluż permezz tal-formazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' attiviżmu mill-individwi konċernati, li jkunu mmexxija minnhom;

- naħdmu ma' persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu sabiex isiru tassew attivisti, billi jużaw leħinhom (bit-tifsira tvarja skont il-każ) bil-mod illi bih ikunu jridu jinstemgħu, minflok biss meta jħossuhom mismugħa.

**5.2** Noħolqu grupp jew gruppi ta' ħidma simili għall-membri tal-familja ta' persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, b'attenzjoni partikolari għall-ilħna tal-ġenituri u l-aħwa, biex:

- nagħtu lill-membri tal-familja pjattaforma aktar unifikata fi ħdan il-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu;

- tali grupp jew gruppi jitħaddmu f'koordinazzjoni ma' partijiet interessati stabbiliti u ta' reputazzjoni li diġà jeżistu.

**5.3** Inkomplu bl-organizzazzjoni ta' Laqgħa Annwali tal-Fornituri tas-Servizzi, u nesploraw aktar opportunitajiet għal djalogu magħhom, filwaqt li nirrikonoxxu:

- l-ħtieġa għas-servizzi tagħhom;
- r-rwol u l-kontribuzzjoni ta' dawn l-entitajiet;
- l-importanza ta' djalogu miftuħ u kostruttiv magħhom.

**5.4** Nikkoperaw mal-partijiet interessati rilevanti kollha, biex nindirizzaw il-ħtiġijiet u l-isfidi ta' reġjuni speċifiċi fil-pajjiż, b'mod partikolari dawk ta' Għawdex, kif ukoll ta' reġjuni u żoni oħra li partikolarment ikunu ser jibbenefikaw minn eżerċizzju bħal dan, permezz ta':

- l-bidu ta' djalogu mal-Ministeru għal Għawdex, sabiex nimplimentaw il-liġi u dan il-Pjan b'mod aktar iffukat f'dak ir-reġjun, filwaqt li nirreplikaw, kemm jista' jkun, fil-livell reġjonali, elementi u mekkaniżmi deskritti f'dan il-Pjan;
- l-involviment mal-kunsilli reġjonali li jirrappreżentaw ir-reġjuni l-oħra ta' Malta, kif ukoll mal-kunsilli lokali, bħala mezz biex jintlaħqu aħjar il-komunitajiet li jirrappreżentaw, u jitfasslu modalitajiet aktar immirati biex dan il-Pjan jiġi implimentat fil-livelli reġjonali u lokali.

**5.5** Nikkoperaw ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi u, b'mod partikolari, ma' organizzazzjonijiet ta' studenti u żgħażagħ, inkluż il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ (KNZ), biex:

- niżguraw li l-attiviżmu u l-attiviżmu mill-individwi konċernati ma jkunux biss azzjonijiet limitati għal attivisti jew attivisti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, fil-qasam tal-awtiżmu, iżda jkunu integrati fl-attivitajiet ta' kuljum ta' dawn l-organizzazzjonijiet, li jkunu strutturati a bażi tal-prinċipju ta' Disinn Universali;
- nemanċipaw lill-membri kollha tagħhom billi niżguraw li l-organizzazzjoni tipprattika l-inklużjoni fil-proċessi u l-attivitajiet kollha tagħha;

- ninkoraġġixxu l-parteċipazzjoni minn u nemanċipaw lill-membri attwali u potenzjali tagħhom fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, inkluż billi nappoġġjawhom u ninkoraġġuhom sabiex ikollhom pożizzjonijiet ta' responsabbiltà fi ħdan tali organizzazzjonijiet, bħal ta' membri tal-kumitat, wara li jkun trawwem ambjent sensittiv għall-awtiżmu fi ħdan dawn l-organizzazzjonijiet;

- nippreparaw ukoll lil persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu għal parteċipazzjoni effettiva fil-ħajja politika u pubblika.

**5.5** Nikkoperaw b'mod aktar b'saħħtu mal-awtoritajiet edukattivi u ma' istituzzjonijiet edukattivi individwali (inkluż fil-livell terzjarju), fis-setturi privati u pubbliċi, sabiex jinkludu l-attiviżmu, b'mod partikolari l-attiviżmu mill-individwi konċernati, u l-emanċipazzjoni, bħala parti mill-kurrikulu tal-iskejjel – bħal fil-klassijiet tal-Iżvilupp Personali u Soċjali (PSD), flimkien mal-isforzi dwar l-għarfien dwar l-awtiżmu u l-għarfien bejn il-pari (peer awareness) diskussi aktar kmieni f'dan il-Pjan.

# 06

# Awtiżmu u l-Adulti

# INTOM GĦIDTU:

- "Għaliex kulħadd jitkellem biss dwar it-tfal, iżda mhux dwar l-adulti?;
- Sempliċiment għax jien adult fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, jiena mistenni li "nikber u naġixxi b'mod normali";
- Xi ngħidu dwar in-nisa? X'jiġri jekk ma nidentifikax bħala raġel?;
- Is-sistema Maltija tħallik waħdek ladarba tagħlaq 16-il sena, sakemm ma tkunx verament 'sever';
- In-navigazzjoni tas-sistema tal-kura tas-saħħa huwa proċess ta' qtigħ il-qalb estrem ladarba t-tfal fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu jibdew jikbru;
- Il-pulizija, is-servizzi tal-impjiegi, in-negozji – mhumiex imħarrġa jew mgħammra biex jinteraġixxu b'mod xieraq mal-adulti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu;
- L-adulti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu għandhom ikunu involuti fl-isforzi għall-bidla – l-ewwel sabiex nibdew nintebħu bl-affarijiet kif inhuma, u eventwalment anke bħala mudelli u stejjer ta' suċċess;
- Bħala adulti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, nixtieqũ naraw aktar inizjattivi illi jappoġġjawna fir-rigward tas-soċjalizzazzjoni;
- Sakemm ma nwasslux lis-soċjetà Maltija sabiex tifhem l-awtiżmu, kif tista' din tintegrana? Jekk it-tfal fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu huma "mqarbin u jaqilgħu l-inkwiet", allura xi ngħidu dwar l-adulti li qed ifittxu impjieg u jaffaċċjaw tagħbija żejda sensorjali (sensory overload)?;
- Huwa impossibbli li jkun hemm aċċess għal servizzi u appoġġi xierqa – jew saħansitra dijanjosi – għall-adulti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, jew inkella l-informazzjoni dwar dan hija moħbija sew;
- Aħna qed ninfantilizzaw lill-adulti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, u b'riżultat ta'

dan, qed inċaħħduhom mill-eżerċizzju tal-kapaċità legali tagħhom, għaliex inkunu qed nippreżumu li huma inkompetenti li jieħdu kwalunkwe deċiżjoni dwar ħajjithom;

- Għaliex l-istituzzjoni li ngħix fiha ma tħallinix nidħol f'relazzjoni, sempliċiment għax ninsab fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu?;

- Għaliex uliedi għandhom jispiċċaw f'istituzzjoni meta jikbru, minflok ma jirċievu servizzi u appoġġi fil-komunità?;

- Is-soċjetà qed iżżomm lil uliedi, li se jimxu għall-ħajja adulta fi ftit snin, 'il bogħod mill-opportunità ta' aċċess għall-impjiegi, servizzi oħra, u drittijiet, fuq bażi ugwali ma' pari mhux awtistiċi;

- Irrid inkun indipendenti;

- Jekk lanqas biss nitkellmu dwar l-awtiżmu u l-adulti kif suppost, kif nistgħu saħansitra nibdew nindirizzaw il-fenomenu eżistenti (iżda moħbi) tal-adulti li qed jikbru fl-età, u li huma fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu?"

# AĦNA SER:

6.1 Naħdmu mal-adulti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, permezz tal-grupp ta' ħidma speċifiku tal-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu, u permezz ta' attivitajiet u inizjattivi, biex:

- inkomplu niddeterminaw il-ħtiġijiet u l-isfidi li jiffaċċjaw l-adulti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, filwaqt illi naħdmu flimkien sabiex niżguraw l-emanċipazzjoni bħala triq lejn l-indipendenza;

- inżidu s-sensibilizzazzjoni bħala mod kif jiżdiedu l-aċċettazzjoni u l-inklużjoni;

- niffukaw speċifikament fuq meta wieħed jagħmel sforzi sabiex jaġixxi b'mod li mhuwiex stereotipikament marbut mal-awtiżmu (making), b'dan isir għal

raġunijiet diversi, fir-rigward ta' adulti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu;

- noħolqu spazji siguri għas-soċjalizzazzjoni u l-appoġġ mill-pari (peer support), inkluż permezz tal-iżvilupp tal-grupp ta' ħidma f'entità għaliha;
- nilħqu lill-partijiet interessati rilevanti, biex jikkontribwixxu għal inizjattivi speċifiċi.

**6.2** Ninvolvu lill-familji – filwaqt li nenfasizzaw ukoll ir-rwol tal-aħwa – u lil persuni oħrajn qrib ta' adulti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, biex jinkisbu kontributi dwar il-ħtiġijiet u l-isfidi, u biex jaġixxu bħala alleati f'inizjattivi mmirati sabiex jilħqu persuni differenti u jagħmlu bidla.

**6.3** Nagħmlu sforzi partikolari sabiex nilħqu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, u lill-fornituri tas-servizzi – inkluż permezz tar-reviżjoni tal-liġijiet u l-politiċi rilevanti fejn meħtieġ, u billi jiġi pprovdut taħriġ kontinwu u aġġornat – fl-oqsma ta':

- Impjieg;
- De-istituzzjonalizzazzjoni, alternattivi għal dan, u miżuri sabiex nipprevjenu l-istituzzjonalizzazzjoni;
- Appoġġ u kura soċjali, inkluż fil-komunità;
- Ħajja indipendenti fil-komunità;
- Kura tas-saħħa;
- Edukazzjoni;
- Divertiment u Kultura, inkluż is-sensibilizzazzjoni għall-organizzazzjonijiet volontarji;
- Sport;
- Ġustizzja u infurzar tal-liġi.

6.4 Nikkontribwixxu, billi naħdmu b'mod partikolari mal-adulti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu u dawk li jappoġġjawhom, għad-diskussjoni dwar ir-riforma tal-liġijiet, biex niżguraw li:

- adulti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu jitħallew ikunu legalment kapaċi jieħdu deċiżjonijiet dwar ħajjithom, skont il-liġijiet rilevanti;
- adulti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu jkunu garantiti l-appoġġ ta' persuni xierqa u fdati, fejn rilevanti;
- adulti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu ma jkunux imċaħħda minn appoġġi rilevanti illi permezz tagħhom ikunu jistgħu jeżerċitaw l-awtonomija personali tagħhom u jgħixu ħajja indipendenti, inklużi aġġustamenti raġonevoli u l-aċċettazzjoni ta' metodi alternattivi ta' komunikazzjoni f'oqsma bħall-impjieg u d-divertiment, bi sforzi rilevanti ta' sensibilizzazzjoni jsiru li jinvolvu lil dawk kollha konċernati.

6.5 Naħdmu, b'mod partikolari, biex jiġi żgurat li l-adulti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu ma jkunux:

- imċaħħda d-dritt li jesploraw u jesprimu s-sesswalità, l-orjentazzjoni sesswali, identità tal-ġeneru u espressjoni tal-ġeneru tagħhom, u f'dan ir-rigward sforzi rilevanti għandhom jinkludu t-Tim Multi-Dixxiplinarju tal-Klinika tal-Benesseri tal-Ġeneru, kif u meta meħtieġ;
- imċaħħda d-dritt li jagħmlu għażliet disponibbli legalment dwar ir-relazzjonijiet, is-saħħa sesswali u d-drittijiet riproduttivi tagħhom, inkluż dwar il-kontraċezzjoni;
- mogħtija kontraċezzjoni mingħajr il-kunsens tagħhom;
- sfurzati li jissottomettu ruħhom għal proċeduri mediċi illi jivvjolaw l-integrità tal-persuna, l-awto-determinazzjoni u l-privatezza tagħhom, bħal meta dawn iwasslu sabiex ma jkunux jistgħu jkollhom tfal, jew inkella jinterferixxu mal-iżvilupp sesswali u riproduttiv tagħhom;
- imċaħħda d-dritt li jkollhom familja u jkunu ġenituri, inkluż id-dritt li wliedhom ma jittieħdulhomx, u d-dritt għal mekkaniżmi ta' appoġġ xierqa;

- imċaħħda mill-aċċess għal edukazzjoni sesswali adattata għall-età tagħhom, u mfassla skont il-ħtiġijiet tat-tagħlim tagħhom matul ħajjithom kollha, u b'emfasi partikolari fuq materji bħall-kunsens u s-sinjali non-verbali (social cues).

**6.6** Naħdmu miegħek biex niżguraw li tingħata l-importanza dovuta biex jiġi indirizzat l-ippjanar tat-tranżizzjonijiet:

- fl-oqsma kollha li diġà ġew diskussi f'postijiet oħra f'dan il-Pjan;
- minn servizzi tas-saħħa pedjatriċi, għal dawk fl-adolexxenza, għas-servizzi tas-saħħa għall-adulti, fl-età adulta u fl-anzjanità, inkluż servizzi ġerjatriċi speċifiċi għall-ħtiġijiet ta' persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu.

**6.7** Nibdew diskussjoni, fejn naħdmu miegħek u mal-partijiet interessati rilevanti kollha, f'Malta u barra minn Malta, dwar is-suġġett tal-awtiżmu u l-anzjanità, biex eventwalment nesploraw ukoll ħtiġijiet u sfidi speċifiċi f'dan il-qasam, u nibdew naħdmu biex nindirizzawhom.

**6.8** Naħdmu miegħek u mal-partijiet interessati rilevanti kollha, biex naraw li tiġi żgurata perspettiva sensittiva għall-ġeneru u inklużiva fir-rigward tal-oqsma kollha koperti minn dan il-Kapitolu.

07

# Il-Kunsill Konsultattiv Dwar l-Awtiżmu

# INTOM GĦIDTU:

- “Irridu punt fokali ċentralizzat biex nindirizzaw l-awtiżmu f’Malta;
- Nixtiequ li l-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu jkun involut aktar fil-ħidma ta’ kuljum ta’ setturi partikolari eż. edukazzjoni jew saħħa;
- Nixtiequ naraw lill-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu jkollu rwol akbar fl-attiviżmu;
- Irridu li l-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu jinvolvi l-grupp partikolari tagħna eż. persuni fuq il-firxa wiesgħa ta’ awtiżmu/ familji/ fornituri ta’ servizzi, b’mod aktar regolari/ approfondit fix-xogħol tiegħu;
- Nixtiequ naraw rappreżentanza Għawdxija fuq il-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu;
- Irridu li l-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu jistabbilixxi preżenza fil-midja soċjali u jipprovdi riżorsi online;
- Nixtiequ naraw lill-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu jorganizza aktar laqgħat u attivitajiet għalina.”

# AĦNA SER:

**7.1** Inkomplu naħdmu miegħek:

- permezz tal-proċess tal-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan, permezz tal-Mekkaniżmu Nazzjonali ta' Koordinazzjoni fi ħdan id-Direttorat għall-Affarijiet dwar id-Diżabilità (DDI);

- matul il-proċess ta' monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan, u r-reviżjoni tiegħu f'intervalli regolari, permezz tal-Kunsill u l-istrutturi tiegħu;

- biex jinħolqu termini ta' referenza għar-reviżjoni u l-monitoraġġ tal-progress miksub permezz tal-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan, inkluż permezz tal-użu ta' proċess ta' assessjar tal-impatt soċjali u ta' indikaturi analitiċi.

**7.2** Nidħlu f'diskussjonijiet mal-Gvern, bħala riżultat tal-konsultazzjonijiet li wasslu għall-abbozzar ta' dan il-Pjan, bil-ħsieb tar-ridimensjonar tal-Kunsill u tar-rwol tiegħu, inkluż billi tiġi emendata l-liġi fir-rigward tal-kompożizzjoni, l-istrutturi u l-irwol tal-Kunsill.

**GVERN TA' MALTA**
MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI
U L-KWALITÀ TAL-ĦAJJA